# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 2.1

## Kap 2: Ejja nsiru aħjar

## Lezzjoni 2.1: L-ewwel komunità

## L-Għanijiet:




**L-istudenti:**

1. Jifhmu x'inhi u x'tagħmel komunità.
2. Jifhmu l-importanza tal-grupp tal-familja jew ta' min jieħu ħsiebhom.
3. Jelenkaw x'jieħdu u x'jirċievu mill-grupp jew mill-komunità.
4. Jifhmu r-responsabbiltà li għandhom f'kull grupp li jagħmlu parti minnu.
5. Jirrealizzaw li Ġesù kellu wkoll min jieħu ħsiebu.

## Ir-riżorsi għal-lezzjoni:



- Karta ta' taħriġ 2.1 (Worksheet 2.1)
- Il-powerpoint presentation
- Kant : "We can Praise Jesus" - Lyrics included -

https://www.youtube.com/watch?v=1SP3gOirfUU&list=PL23A159645B902E92&index=4

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-ddiskussjoni tal-bidu



- Uri l-istampa li tidher fl-ewwel slide tal-ppp u uti l-kelma KOMUNITÀ.
- Oħroġ il-punt li komunità hija grupp ta' nies li qegħdin flimkien biex jikbru flimkien u jagħmlu l-ħajja aħjar għal xulxin.
- Stieden lit-tfal biex bl-għajnuna tal-istampi joħorġu l-komunitajiet differenti li huma jkunu fihom.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. Uri t-tieni stampa li hemm fuq il-ppp.
2. Stieden lit-tfal jgħidulek x'jaħsbu li qed turi din l-istampa.
   Din l-istampa hija abbinata ma' Attivita 2 pġ. 18 imma l-ewwel ara x'jaħsbu t-tfal dwarha. Bla ma turi lit-tfal żomm f'moħħok li dak hu logo ta' FAMILJA u wassal lit-tfal biex jaslu għat-tema huma.
3. Spjega li Alla ħalaqna biex iħobbna u nħobbu 'l xulxin. Għalhekk, tana lil min jieħu ħsiebna. Fil-familja aħna mhux biss nirċievu, iżda rridu nkunu lesti li nagħtu.
4. Iddiskuti mat-tfal x'inhuma dawk il-fatturi li jkissru l-ispirtu ta' familja.
5. Uri Stampa 3 fil-ppp – what a family means: Fil-lingwa Ingliza FAMILY means : FORGET ABOUT ME I LOVE U. Biex fostna jkollna spirtu ta' familja jeħtieġ li l-ewwel ninsew lilna nfusna u naħsbu f'dawk il-membri li qed ngħixu magħhom. Turi li tħobb lil ħaddieħor meta tgħinu, tisimgħu, u fuq kollox turih li tħobbu.
6. Uri stampa ppp 4: L-ikbar eżempju ta' familja tagħtihulna Marija, Omm Ġesù, li bl-eżempju tagħha għamlet kull sagrifiċċju biex Ġesù jikber iħobb lil ta' madwaru.

7. Spjega stampi 5-6 li inti tista' tuża bħala riżorsi addizzjonali biex it-tfal jifhmu aktar is-sens ta' familja u jpinġu l-bookmark li qed tingħata.

8. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet u jsibu worksheet 2.1. Spjega s-silta mogħtija u rrevedi x'tirrikjedi komunità billi bħala klassi tinħadem Attività 1.

9. Uri lit-tfal, permezz ta' dak li jgħidu, kemm hu sew li f'kull komunità li jkunu jippruvaw iġibu ruħhom sew ħalli jitgħallmu jikbru aħjar.

10. Spjega Attività 2 u hawnhekk ukoll għandek reviżjoni ta' dak li jkun intqal qabel fuq il-familja.

11. Iddiskuti l-mistoqsijiet: 1 – ċirku tal-għaqda : 2 – hemm Alla u allura d-dawl tiegħu: 3 – imħabba t'Alla u ta' bejnietna: 4 - nagħtu l-imħabba u nirċievu l-imħabba wkoll.

12. Asal għal Attività 3 billi tfiehem l-importanza li nirringrazzjaw lil Alla ta' dawk il-persuni li jagħmlu l-ħajja tagħna dik li hi.

13. Agħlaq il-lezzjoni bit-talb tagħhom u jekk tixtieq bit-tpinġija tal-bookmark.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)




1. Komunità hija grupp ta' nies li jaħdmu flimkien għax għandhom xi affarijiet li jġibuhom flimkien.
2. L-ewwel komunità li nsibu ruħna fiha hija l-familja.
3. Biex inżommu spirtu ħaj fil-familja jeħtieġ naqdu bosta dmirijiet.
4. Ġesù kellu l-familja tiegħu. Meta kiber mexa wara l-eżempju t'ommu Marija u ġabar in-nies tad-dinja kollha f'familja waħda.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

It-tfal jagħtu sehemhom fil-familja u f'kull komunità li jagħmlu parti minnha.

It-tfal japprezzaw dak li jsir lilhom u allura jgħidu: grazzi, prosit u skuzani fejn meħtieġ.

It-tfal jagħtu daqqa t'id u juru rispett f'kull ħin.

It-tfal iżommu lil Ġesù bħala parti mill-familja tagħhom.

It-tfal jitlbu flimkien bħala familja.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Kant : "We can Praise Jesus" - Lyrics included -

https://www.youtube.com/watch?v=1SP3gOirfUU&list=PL23A159645B902E92&index=4



**Nitolbu**



Mulej, grazzi talli tajtni 'l min jieħu ħsiebi.

Grazzi wkoll talli int il-Missier tiegħi li taf dak kollu

li jkun hemm f'qalbi.

Ħu ħsieb il-familja tiegħi u żommha magħquda flimkien.

Għini ħalli jiena wkoll nagħti s-sehem tiegħi fil-familja.